MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 22 ta' Lulju 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Leeroy Balzan Engerer)**

**Vs**

**Domenico Marino (Karta tal-identità Taljana AT4737687)**
**Guiseppe Branca (Karta tal-identità Taljana RC5435135Y)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Domenico Marino u Guiseppe Branca** akkuzati talli nhar il-21 ta' Lulju 2019 bejn it-tlieta (03:00hrs) u l-erbgha ta' filghodu (04:00hrs) gewwa San Giljan:-

1. Hebbew ghal Ivan Dimech sabiex jingurjawh, idejquh jew jaghmlulu hsara b'xi mod.
   Art. 339(1)(d) Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Domenico Marino** wahdu akkuzat talli:-

1. Fl-istess hin, lok u cirkostanza, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
   (Art. 6 tal- Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta)

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputati ammettew ghall-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront taghhom u illi l-imputat Domenico Marino ammetta wkoll l-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu biss, liema ammissjonijiet gew ikkonfermati wara li l-Qorti tathom zmien jirrikonsidraw il-pozizzjoni taghhom;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati ammettew ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom. Il-Qorti, wara li semghet l-ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, tqis li ghalhekk dawn l-imputazzjoniet gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qeghdin jinstabu hatja l-imputati, il-fedina penali taghhom li hija wahda netta, u wkoll il-fatt li mal-ewwel okkazjoni l-imputati ammettew il-htija taghhom.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 339 (1) (d) tal-Kodici Kriminali u artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputati **Domenico Marino u Guiseppe Branca** hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum. In oltre l-Qorti tikkundanna lil Domenico Marino ihallas multa ta' mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.67).

Finalment, il-Qorti, ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hatja fi kliem car, tramitè t-traduttur, kemm ir-responsabbilità taghhom u x'jigri jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu ta' sitt (6) xhur mil-lum.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur